**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**

**vs**

**Pierre Vella**
**Raymond Magri**
**Alfred Grech**

**Distrett**

**Illum 05 ta' Ottubru 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Pierre Vella** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 342164(M), **Raymond Magri** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 374959(M) u **Alfred Grech** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 223863(M), billi huma akkuzati talli f' isimhom u f'isem s-socjetajiet minnhom rapprezentati, u cioe Rapier CO. Ltd., u Bingo Ltd., talli bhala l-persuni li jiggestixxu l-post bl-isem ta' Bingo Bar jew parti minnhu li jinsab fil-kumpless ta' l-Embassy, gewwa Triq Santa Lucija , Valletta, fit-23 ta Settembru 2004 u fix-xhur precedenti fil-Belt Valletta u/jew f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer;

1. Meta ma kellhomx licenzja tal-font Bingo Bar taht dan l-Att jew taht l-Att dwar il-Lotteriji u Loghob iehor jew bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' dan l-att jew ta kull regolament maghmul taht dan l-att jew bi ksur ta' xi kundizzjoni imposta f'xi licenzja mahruga taht dan l-Att, ippermettejtu l-uzu ta xi post ghal, jew inkoraggejtu, dil il-loghba ta' sogru li tintlaghab ghall-flus jew valur ta Flus (loghob illegali);

2. Fethu jew haddmu kazino minghajr ma kellhom licenzja mahruga mill-awtorita;

3. Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkustanzi, mmanufatturaw, importaw, zammew jew ipprovdew magni tal-loghob ghall-uzu gewwa font li ma kellhomx licenzja bhala kazino taht dan l-Att ghandu, minghir pregudizzju ghall kull responsabilita ohra taht xi ligi ohra;

4. Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi operaw, ippromovew, bieghu jew ippartecipaw fi, jew b' xi mod li jkunu jew hajjru l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghba bi ksur ta'l-artikolu 3 jew 4 tal Kapitolu 438 tal-Ligijiet ta'Malta;

5. Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, operajtu, ippromovew, bieghu jew ippartecipaw fi, jew b' xi mod li jkunu jew hajjru l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghba bi ksur ta'l-artikolu 5 tal-kapitolu 438 tal-ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, xjentement ippermettew l-uzu ta' xi post bil-ghan ta' l-operazzjoni, il-promozzjoni, il-bejgh jew il-loghob ta' xi loghba bi ksur ta' xi dispozizzjoni ta' dan l-Att jew ta Regolamenti maghmulin tahtu jew bi ksuir ta xi kondizzjoni imposta f'licenzja mahruga taht l-att jew bi ksur ta' xi direttiva mahruga mill- Awtorita skond ma hemm f' dan l-Att;

Lil **Raymond Magri** wahdu :

7. Talli sar recidiv ghat-terminu ta' l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali wara li nstab hati b'sentenza definittiva tal-Qorti ta' l-Apell (Imhallef Dr. P Vella LL.D) datata 8 ta Jannar 2001 liema sentenza ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il- kaz, kif ipprovdut mill- Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna l-konfiska tal- ogetti u l-flejjes kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna r-revoka tal-licenzji kollha mahruga fuq il- fond Bingo Bar, f' Level -3 Embassy Complex, Triq Santa Lucija, Valletta, kif ukoll licenzji ohra li l-persuni jista' jkollhom fuq isimhom.

Rat li b'assenjazzjoni tal-Prim Imhallef Silvio Camilleri datata 4 ta' Ottubru 2017 din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezenta fis-27 ta' Gunju 2018 (*a fol.* 292 *et seq.*) u n-Nota ta' sottomissjonijiet tal-imputati prezentata fid-29 ta' Awwissu 2018 (*a fol.* 316 *et seq.*)

**KUNSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

**<u>Dewmien ta' procedura</u>**

Il-Qorti tinnota li dawn il-proceduri kriminali jitrattaw kaz li sehh fit-23 ta' Settembru 2004 u l-gimghat ta' qabel. Il-proceduri ilhom ghaddejjin erbatax (14)-il sena.

Il-proceduri bdew jinstemghu mill-**Magistrat Dr. Dennis MONTEBELLO LL.D** fejn a fol 1 (wiehed) issib in-notamenti tal-istess Magistrat li jindikaw li l-kawza nbdiet u nstemghu l-maggoranza, jekk mhux ix-xhieda kollha, liema noti zgur u mhux forsi huma gwida ghall-Gudikant. Il-lista tax-xhieda li nstemghu u d-dokumenti esebitti jinsabu elenkatti a fol 5 sa 6;

Wara li rtira l-Magistrat Dr. Dennis MONTEBELLO LL.D, il-kawza giet assenjata lill-**Magistrat Dr. Antonio MICALLEF TRIGONA LL.D**. Hawn hekk il-prosekuzzjoni kienet mitluba mill-Qorti sabiex terga' ttella' x-xhieda mill-gdid stante li fil-process kriminali ma kien hemm xejn traskritt;

Ix-xhieda regghu ttelghu mill-gdid bil-konsegwenza li hafna mix-xhieda, ghal xi raguni jew ohra naqsu li jiftakru l-okkorrenzi fid-dettal li kienu graw fil-gurnata jigifieri dik tat-23 ta' Settembru 2004;

Il-"proces verbali" gie esebit fl-ewwel istanzi tal-proceduri kriminali u ma kien hemm l-ebda oggezzjonijiet u/jew xi attenzjoni migbuda lill-Qorti.

Ghalhekk ghat-tieni darba, x-xhieda regghu nstemghu u d-dokumenti rispettivi jew regghu gew esebitti jew ikkonfermatti mix-xhieda rispettivi;

Din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru 2017.

F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ttenni dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it-tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruħha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Samuel Onyeabor vs. Avukat Ġenerali** deċiża nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru 2015:

*Huwa minnu illi l-każ kien x'aktarx kompless u kien jeħtieġ ċerta tħejjija. Madankollu, dan ma jfissirx illi seba' snin kienu meħtieġa biex il-proċess, mhux jintemm, iżda jitwassal sal-istadju li għall-inqas jinħareġ l-att ta' akkuża. Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-ġbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*

*Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull każ jingħata l-attenzjoni indiviża biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien. Iżda dan ma huwiex ġustifikazzjoni; anzi jfisser illi l-Istat qiegħed jonqos mill-obbligu tiegħu li jara li s-sistema ġudizzjarju jkollu r-riżorsi kollha meħtieġa biex jista' jimxi b'ħeffa u b'effiċjenza waqt li fl-istess ħin jitħarsu l-interessi tal- ġustizzja. Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu*

*nagħmluhom b'dan il- mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[1]

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem hi cara hafna dwar id-dewmien kif esprimiet ruhha fil-kaz **O'NEILL AND LAUCHLAN v. THE UNITED KINGDOM**[2] deciz fit-28 ta' Gunju 2016 fejn intqal hekk dwar dewmien:

*… in view of the need for diligence triggered by the significant lapses of time both between the commission of the offence and the laying of charges, and between the laying of charges and the applicants' conviction becoming final, the Court considers that the overall length of the proceedings (almost nine years in respect of the first applicant, and just over nine years and two months for the second applicant – see paragraphs 16, 46 and 90 above) was excessive and failed to meet the reasonable-time requirement.*

*97. There has accordingly been a breach of Article 6 § 1.*

Il-Qorti tirreferi ukoll ghal dak li qal l-Prim Imhallef Emeritu Vincent DeGaetano fl-artikolu **Reasonable time and hasty decisions –the Article 6 dilemma for domestic courts** ippubblikat ricentament:

So, why is the reasonable time requirement so important? Basically because the effectiveness of any legal system is at stake

[1] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

[2] *Applications nos. 41516/10 and 75702/13*

with every case, civil or criminal, that is pending before a court; a lack of effectiveness brings about a lack of credibility in both the legal and the judicial systems; and such lack of credibility undermines the very notion of the rule of law. This may appear obvious to each and every one of us, particularly those of us who sit on the Bench daily, but the European Court of Human Rights (ECtHR) has had to spell out all this in a number of judgments when it was faced with delays that, in a sense, had become accepted or endemic in a number of legal systems. In the case *Stögmüller v. Austria*[3] – a case dealing with Article 5 – the ECtHR noted that Article 6 aims to protect all the parties to court proceedings "against excessive procedural delays", and that in criminal matters in particular, Article 6 "is designed to avoid that a person charged should remain too long in a state of uncertainly about his fate" irrespective of whether or not that person is held in detention awaiting trial. Twenty years later, in a case brought against France – *H. v. France*[4] – the ECtHR added that the reasonable time guarantee "underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardise its effectiveness and credibility." This was a case brought by a person against the state hospital in Strasbourg for medical malpractice. It took seven years and seven months at two levels of jurisdiction (the Strasbourg Administrative Court and the *Conseil d'Etat*) for a final decision to be rendered, a period that was punctuated by requests by the courts for information which

[3] 10 November 1969.
[4] 24 October 1989.

was already in the files, as well as by long periods of inactivity in connection with Mr H's case because the courts had hundreds of other cases to deal with.

[…]

the ECtHR has, in its vast case law, set down guidelines, but it has never gauged by the calendar or set deadlines as to what is or is not a reasonable time. That depends on all the circumstances of a particular case. What is clear is that periods of inexplicable inactivity on the part of the State authorities, repeated adjournments of a case or the repeated *renvoi* of a case file between one court and another, are not acceptable. Likewise it is also clear that just as the lack of financial or other resources cannot justify prison conditions which reach the threshold of Article 3 – *Orchowski v. Poland*[5] – and a State must organise its penitentiary system so as to ensure compliance with the Convention standards, so also when it comes to length of proceedings such things as backlogs, workloads of individual judges and lack of resources are no excuse (although there is some case law to the effect that a temporary backlog and consequent delays due to the general re-organisation of a system

[5] 22 October 2009. See in particular §153: "The Court is aware of the fact that solving the systemic problem of overcrowding in Poland may necessitate the mobilisation of significant financial resources. However, it must be observed that lack of resources cannot in principle justify prison conditions which are so poor as to reach the threshold of treatment contrary to Article 3 of the Convention…and that it is incumbent on the respondent Government to organise its penitentiary system in such a way that ensures respect for the dignity of detainees, regardless of financial or logistical difficulties... If the State is unable to ensure that prison conditions comply with the requirements of Article 3 of the Convention, it must abandon its strict penal policy in order to reduce the number of incarcerated persons or put in place a system of alternative means of punishment."

will not *necessarily* amount to a violation of Article 6 – see in this respect the case of *Docevski v. the Former Yugoslav Republic of Macedonia*[6]). In the Grand Chamber case of *Frydlender v France*[7] (27 June 2000) the ECtHR was quite clear: States parties to the convention must organise their legal systems so as to guarantee to everyone within their jurisdiction the right to a final decision within a reasonable time:

"The Court reiterates that it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee to everyone the right to a final decision within a reasonable time in the determination of his civil rights and obligations… It further reiterates that an employee who considers that he has been wrongly suspended or dismissed by his employer has an important personal interest in securing a judicial decision on the lawfulness of that measure promptly, since employment disputes by their nature call for expeditious decision, in view of what is at stake for the person concerned, who through dismissal loses his means of subsistence..."[8]

The bottom line really is this: the domestic authorities, and the judicial authorities in particular, <u>must be seen to be pro-actively engaged</u> in bringing civil and judicial proceedings to a final determination.

[6] 1 March 2007, particularly §34.
[7] 27 June 2000.
[8] §45

> […]
>
> how can a judge at national or domestic level gauge when he or she is risking running foul of the reasonable time requirement imposed by Article 5(3) and 6(1) of the ECHR? I would propose the following rule/s of thumb (with apologies to referees in football): (i) the yellow card should appear if a case has been pending for three years at one level of jurisdiction; (ii) anything from three to four years at one level of jurisdiction would definitely merit the red card; (iii) if a case has been pending for more than four years at two levels of jurisdiction, the red card is again to be borne in mind; (iv) while if a case has been pending for six years or more at three or more levels of jurisdiction, the red card is almost a foregone conclusion!

Meta jitqies id-dewmen f'dan il-kaz, wiehed irid jaghti kaz ukoll li fl-kors ta' dawn is-snin kien hemm diversi interventi mill-legislatur li gabu maghhom diversi tibdiliet fil-Kap. 400, fil-Kap. 438 u sahansitra r-revoka tal-A.L. 43/1988 intitolat Regolamenti dwar ir-Restrizzjoni tal-Uzu ta' Makni ta' Divertiment. Dawn ir-Regolamenti fil-fatt gew sostitwiti bl-A.L. 74/2011 li gie sussegwentement emendat bl-A.L. 3/2012 u 462/2012 (L.S. 438.36).

**IL-FATTI SPECIE TAL-KAZ**

Il-prosekuzzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tat harsa fil-fond ix-xhieda li ngabet f'dan il-process:

**a.** *Xhieda prosekuzzjoni*

*i.* Xehed **l-Ispettur Raymond Aquilina** fejn spjega kif wasal biex mar fil-kumpless "EMBASSY" li jinsab gewwa Triq Santa Lucija, Il-Belt, Valletta u f'livell minus tlieta (-3) wiehed seta' jara l-*Bingo Bar* u fuq il-lemin il-bieb tal-hgieg. Malli tidhol minn dan il-bieb, kien hemm kamra ohra u f'din il-kamra wiehed jinnota li kien hemm hamsa u tletin (35) magna tal- loghob. Meta dahlet il-pulizija, wiehed seta' jinnota lil certu Darren Spiteri [K.I. 164586(M)] li kien qieghed jaghti flus lill-klijenti li kienu qeghdin jilghabu fuq il-magni. Meta Spiteri kien mistoqsi mill-pulizija, huwa qal li huwa kien impjegat hemmhekk u li kien ukoll jiehu hsieb il-post. Fuq il-post instabu erba' persuni ta' nazzjonalita Maltija cioe Vincent CHETCUTI, Vincent FRANCICA, Gemma CUTAJAR u Mary Grace SLATER li kienu fuq il-magni 5, 20,23 u 24 rispettivament. Meta l-persuni kienu mitkellma a tempo vergine, stqarrew li laghbu flus fil-magna u spjegaw li meta jirbhu jkollhom ammont ta' kreditu **u meta riedu jieqfu jilghabu kienu jistaqsu l-persuna nkarigata biex ibiddel il-kreditu fi flus kontanti.**

Il-persuni responsabbli u s-sidien tal-post imsemmi hawn fuq irrizultaw li kienu Pierre Vella [K.I. 342164M] u Raymond Magri [K.I. 374959M]. Kien f'dan l-istadju li l-Magistrat tal-Ghassa Dr. Antonio Mizzi LL.D kien mgharraf u appunta lil Mr. Martin Bajada illum Dr. Martin Bajada, bhala espert tekniku, u lil PS 198 Arthur Debattista bhala "Scene of Crime Officer", it-tnejn bhala esperti appuntati mill-Onorabbli Qorti. B'hekk infethet inkjesta Magisterjali u fuq rapport instantanju li ghamel Raymond MAGRI [K.I. 374959M] mal-Pulizija gewwa l-kumpless "EMBASSY", il-Pulizija estendit it-tfitxijiet taghha fuq l-allegazzjonijiet tal-istess Raymond MAGRI ghal "PORTSIDE LOUNGE" li kien jinsab gewwa l-Strand, Sliema minn fejn hemmhekk ukoll saret tfittxija ghall-magni tal-loghob u fil-fatt gew ikkonfiskati ghal aktar investigazzjonijiet ammont ta' magni tal-loghob. Dan dejjem fuq l-allegazzjonijiet ta' Raymond MAGRI fejn anki awtorizza lill-pulizija li tghalaq l-istabiliment tal-kumpless tal-EMBASSY biex tkun tista' tipprocedi immedjatament gewwa dak ta' "PORTSIDE LOUNGE", The Strand, Sliema, kif fil-fatt gara.

Aktar minn hekk, mill-investigazzjonijiet li saru rrizulta li l-post/hanut li kien jinstab biswit il-hanut Bingo Bar kien mikri minghand is-sid tal-Bingo Hall jigifieri Alfred GRECH [K.I. 223863M]. Is-Sur GRECH ikkonferma li kien kera l-ispazju hdejn il-Bingo Bar lil Pierre VELLA ghas-somma ta' LM25 kuljum liema spazju jaghmel parti mill-kirja li kellha l-Bingo

Hall minghand is-Sur Mario GAUCI, wiehed mis-sidien tal-kumpless EMBASSY.

Ghar-rigward tal-magni tal-loghob, dawn baqghu taht il-kontroll tal-Qorti fejn sahansitra kien hemm talba mill-avukati difensuri tal-imputati biex l-istess magni (35 magna tal-loghob) jibqghu jinzammu taht il-kontroll, is-sigurta u bla periklu tal-Qorti fejn temporanjament baqghu jinzammu gewwa l-kumpless "EMBASSY" fejn wara dawn fuq talba tal-imputati/akuzati l-istess magni mxew taht is-sorveljanza tal-Qorti [espert tekniku Martin BAJADA] ghal post indikat mill-imputati/akkuzati jigifieri gewwa garaxx Triq il-Belic, Qormi fejn l-istess garaxx kien issigillat u c-cwievet esebiti fl-atti tal-inkjesta'.

*ii.* Xehed l-**ex-Spettur tal-Pulizija, Bernard ZARB**[9] fejn ikkonferma li kien assista lill-Ispettur Raymond Aquilina mill-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji fuq tfitxijiet ghall-magni tal-loghob gewwa l-kumpless "EMBASSY" livell minus tlieta (-3) u fejn instabu l-imsemmija magni tal-loghob u sussegwentement assista ukoll ghal tfitxijiet li saru gewwa l-"PORTSIDE LOUNGE", The Strand, Sliema fuq rapport/allegazzjonijiet li saru dak il-hin tat-tfitxijiet mis-Sur Raymond MAGRI. Ikkonferma li l-post fejn kien hemm il-magni gie maghluq u sukur sabiex il-pulizija pprocediet gewwa "PORTSIDE LOUNGE" The Strand, Sliema;

[9] A fol 43

*iii.* Xehed **Raymond SCICLUNA**[10] bhala r-rapprezentant tal-Awtorita tal-Loghob fejn stqarr li l-ebda persuna mill-imputati/akkuzati kien illicenzjat u/jew kellu xi licenzja biex jopera, jamministra, izomm, ecc... xi magni tal-loghob gewwa l-kumpless "EMBASSY" level -3, Triq Santa Lucija, il-Belt, Valletta u l-anqas il-kumpaniji ma kellhom xi tip ta' licenzja u/jew licenzji jigifieri riferenza ghal kumpaniji Rapier Co. Limited u Bingo Limited;

*iv.* Xehed **Mario GAUCI**[11] bhala wiehed mis-sidien tal-"EMBASSY COMPLEX" fejn stqarr li hu ma kellux x'jaqsam mat-tmexxija u l-amministrazzjoni tal-hwienet u/jew l-ispazju fejn instabu l-magni tal-loghob imma biss ikkonferma li kemm l-ispazju fejn il-Bingo Hall kif ukoll l-ispazju fejn kien hemm il-magni tal-loghob kien mikri lil terzi u ma kellux x'jaqsam maghhom;

*v.* Xehed **Darren Spiteri**[12] fejn spjega x'kien xogholu u li ma kienx jiftakar ezatt x'kienu l-magni tal-loghob u l-anqas l-procedura li kienet qieghda tigi applikata;

*vi.* Nhar it-23 ta' Lulju 2009 xehdu **r-rapprezentanti tal-Malta Financial Services Authority** fejn gew esebiti d-dokumenti tal-kumpaniji Rapier Co. Limited u Bingo Limited;

---

[10] A fol 45
[11] A fol 46
[12] A fol 55

*vii.* Xehed ir-**rapprezentant tal-"Casino di Venezia"** fejn ikkonferma li kienet saret spezzjoni fl-istabiliment mill-espert tal-Qorti hekk appuntat is-Sur Martin BAJADA flimkien mal-pulizija u mir-rapprezentanti tal-Awtorita tal-Loghob u fejn gew murija l-magni tal-loghob li kien jopera, jamministra u l-loghob li jippromwovi l-istess Casino;

*viii.* Xehed ir-**rapprezentant tat "Trading License UNIT[13]"** fejn ipprezenta kopji tad-dokumentazzjonijiet mahruga mill-Unit u stqarr li ma kienx hemm licenzji u/jew permessi mahruga lil imputati/akkuzati u/jew il-kumpaniji rispettivi cioe Rapier Co. Limited u/jew Bingo Limited ghaz-zamma jew l-operat jew amminstrazzjoni jew xorta ohra tal-magni tal-loghob;

*ix.* Nhar it-02 ta' Mejju 2013 xehdet u sussegwentement regghet telghet tixhed 'il quddiem l-**ex Maggur 24 Josephine GAUCI[14]** fejn spjegat x'kien l-involviment taghha u x'direttivi kellha;

*x.* Xehed **Vincent FRANCICA** fejn stqarr ghalxiex kien mar gewwa l-kumpless "EMBASSY" level -3, kemm laghab flus fuq il-magni u kif kien jahdmu l-magni tal-loghob li kienu jintsabu gewwa level -3, EMBASSY COMPLEX, Triq Santa Lucija, Il-Belt, Valletta;

[13] A fol 91, 120, 121, 122 u 123
[14] A fol 139

*xi.* Xehed ir-rapprezentant tal-**Malta Tourism Authority, PL Quintin Tanti**[15] fejn barra li pprezenta d-dokumentazzjoni fir-rigward tar-rizultati fil-konfront tal-imputati/akkuzatt u/jew l-kumpaniji rispettivi cioe Rapier Co. Limited u Bingo Limited jistqarr li hadd minnhom ma kellu xi licenzja u/jew permessi u/jew xi awtorita ohra li zzommu, joperaw u jhaddmu xi magni tal-loghob gewwa l-kumpless "EMBASSY" level -3 u/jew l-anqas fl-ebda parti ohra tal-kumpless;

*xii.* Xehdet **Francesca Fenech**[16] fejn stqarret li hija kellha mikri l-hanut Bingo Bar u ma kellha xejn x'taqsam mal-kamra biswit taghha li kienet qieghda tintuza ghall-amministrazzjoni, operat u thaddim tal-magni tal-loghob. Tghid aktar li ghalkemm kien access mill-bar taghha ghal din il-kamra hi qatt ma tat xi permess u/jew awtorizzazzjoni biex in-nies li riedu jidhlu fil-kamra fejn kien hemm il-magni tal-loghob jghaddu mill-hanut li kienet qieghda tmexxi hi. Tistqarr li hi ma kienetx taf minn kien qieghed immexxi, jamministra, u/jew jopera l-magni tal-loghob!;

*xiii.* Xehdet **Mary Grace Slater**[17] fejn spjegat kif saret taf bil-kamra li kien hemm gewwa l-"EMBASSY COMPLEX" level -3 u li kienet marret hemm biex tilghab fuq il-magni tal-loghob u tispjega l-process li titfa' l-flus, l-kreditu li jakkumulaw u kif tuza l-kreditu u/jew issarraf l-istess kreditu fil-flus. Tistqarr ukoll li kienet

---

[15] A fol 70, 88, 113 u 119
[16] A fol 95
[17] A fol 101

inghatat l-flus lura li laghbet fil-magna tal-loghob mill-persuna li kienet qeghdha tiehu hsieb il-kamra tal-magni tal-loghob hekk kif dahlet il-pulizija fil-kamra;

*xiv.* Xehdu **PS 46 Charlo CASHA[18], llum l-Ispettur Charlo CASHA, u PS 198 Arthur DEBATTISTA**[19] bhala "Scene of Crime Officers" li kienu appuntati fl-inkjesta mill-Magistrat Inkwirenti Dr. A. Mizzi LL.D;

*xv.* Xehed **Dr. Matthew Paris LL.D**[20] li qabel kien membru fil-korp tal-Pulizija fejn spjega li dak iz-zmien kien mal-ex Spettur Bernard ZARB u li gew imsejjha biex jassistu lil membri tal-Iskwadra Kontra l-Vizzji. Fil-fatt jispjega li kien assista ghal tfittxija gewwa "EMBASSY COMPLEX" level -3, Triq Santa Lucija, Il-Belt, Valletta fejn instabu diversi magni tal-loghob u nies jilghabu fuq il-magni u sussegwentement assista ukoll ghal tfittxija ohra li saret gewwa l-PORTSIDE LOUNGE, The Strand, Sliema fejn ukoll instabu diversi magni tal-loghob liema magni fiz-zewg stabiliment gew elevati ghal aktar stharrig;

*xvi.* Xehdet **Doreen Xuereb**[21] fejn spjegat li hi kienet tahdem bhala "Supervisor" mal-Bingo Hall u li ma kellha xejn x'taqsam mal-kamra tal-magni tal-loghob li kienet tinstab f'livell minus 3. Hi biss kellha x'taqsam fuq l-impjegati tal-Bingo Hall u

[18] A fol 133
[19] A fol 137
[20] A fol 142
[21] A fol 145

supervizzjoni tat-thaddim tal-Bingo Hall. Stqarret li ma kienetx taf min kien qieghed imexxi u jamministra l-kamra ta' fejn kien il-magni tal-loghob!;

*xvii.* Xehed **Andreas Veneziani**[22] fejn stqarr li ma jiftakarx u sahansitra fuq ordni tal-Magistrat, l-istqarrija li kienet ittehditlu fil-mori tal-investigazzjoni giet moqrija lilu sabiex jiftakar u jikkonfermha u l-istess stqarrija hija esebita u taghmel parti mill-atti proceswali[23];

*xviii.* Xehed **Dr. Martin Bajada**[24] fejn ikkonferma ir-rapport tieghu fir-rigward tal-"*findings*" fuq il-magni tal-loghob li nstabu gewwa l-"EMBASSY COMPLEX", Level -3, Triq Santa Lucija, Il-Belt, Valletta liema rapport jaghmel parti mill-proces verbal[25];

*xix.* Xehed **l-Ispettur Antoine CILIA**[26] fejn spjega l-involviment tieghu, x'instab gewwa l-fond li jinsab level -3, "EMBASSY COMPLEX", Triq Santa Lucija, Il-Belt, Valletta u x'sar sussegwentement;

*xx.* Xehed l-**ex-PS 225 Joseph FILLETTI**[27] fejn spjega l-involviment tieghu, x'instab gewwa l-fond li jinsab level -3, "EMBASSY COMPLEX", Triq Santa Lucija, Il-Belt, Valletta u x'sar sussegwentement;

[22] A fol 150
[23] A fol 156
[24] A fol 162
[25] A fol 172
[26] A fol 164
[27] A fol 168

**b.** **Xhieda Difiza** [24 t'Awwissu 2015]

*i.* Ma ngabghet l-ebda xhieda u/jew xi dokumentazzjoni minn naha tad-difiza biex tirribatti u/jew tikkontradixxi x-xhieda u d-dokumentazzjoni li gew esebitti minn naha tal-prosekuzzjoni;

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali.

**Livell ta' prova**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkustanzi u

l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx

gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti,

ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni.*'

**<u>L-ghodda biex tiddeciedi</u>**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi kif se jaghzel is-sikkrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[28]

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[29] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm deskrepanzi fix-xhieda:

> Din il-Qorti kellha okkażjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li

[28] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.
[29] Appell Kriminali Numru. 115/2006

għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti bizzejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkazjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

*id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

**KWISTJONIJIET PRELIMINARI**

L-ewwel li se jigu indirizzati huma l-aspetti procedurali f'dak li jirrigwarda liema huma l-provi li m'humiex ammissibbli skond il-ligi u li konsegwentement ma ghandhom ebda valur probatorju.

L-istqarrijiet li jinsabu esebiti f'dawn l-atti jikkonsistu fis-segwenti;

1) Dok RA 1 folio 10 li hija l-istqarrija ta' Alfred Grech
2) Dok RA 2 a folio 13 li hija l-istqarrija ta' Pierre Vella
3) Dok RA 3 a folio 15 li hija l-istqarrija ta' Raymond Magri

Issir riferenza ghal dawk il-partijiet kollha fejn fl-atti processwali jirrizulta riferenza ghal xi dikjarazzjoni maghmula mill-imputati fil-kors tal-investigazzjonijiet.

**L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-imputati**

Id-difiza ssollevat din il-kwistjoni fis-sottomissjonijiet finali bil-kitba. Il-Qorti hija obbligata li tiskarta l-istqarrija tal-imputati u dak kollu li setghu qalu waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

**L-Ammissibilita tal-istqarrijiet tal-ko-imputati l-ohra**

Il-Qorti ghal kull buon fini se tindirizza l-kwistjoni tal-ammissibilita tal-istqarrijiet tal-ko-imputati f'dawn il-proceduri. Skont il-gurisprudenza stabbilita ta' dawn il-Qrati, meta fi proceduri bhal dawk odjerni, ikun hemm ko-imputati, ix-xhieda jew kull dikjarazzjoni ohra maghmula minn ko-imputat wiehed mhux ammissibbli fil-konfront tal-ko-imputat

l-iehor, kemm jekk din ix-xhieda tkun favur u kemm jekk tkun kontra l-iehor.

Dan gie stabilit fid-digriet tal-Qorti Kriminali mill-Imhallef Vincent De Gaetano tat-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. omissis Ian Farrugia**, fejn gie ritenut hekk: "*Il-gurisprudenza hija cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali.*" u l- Qorti Kriminali tghaddi biex ticcita diversi sentenzi in materja.[30]

Ghalhekk, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputati, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tal-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet lill-ufficjali tal-Pulizija tal-ko-imputati f'dawn il-proceduri.

L-istqarrija ta' **Andreas Veneziani** esebita a folio 156 et seq. ta' dan il-process.

---

[30] Ara wkoll fl-istess sens id-digriet tal-Qorti Kriminali (per Onor. Imhallef Joseph Galea Debono) tal-4 ta' Frar 2004 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella.

Ir-retroxena li wassal ghal-prezentazzjoni ta' dan id-dokument hija li filwaqt li dan ix-xhud kien qieghed jiddeponi, l-ufficjal prosekutur talab li jikkonfronta lil dan ix-xhud bl-istqarrija li huwa kien irrilaxxa meta mitkellem fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija (ara verbal a folio 132).

Mill-istess verbal jirrizulta li l-Qorti deherilha li kellha tissospendi x-xhieda tieghu ghar-ragunijiet hemm elenkati. A folio 155 pero insibu intervent tal-Qorti fis-sens illi l-Ufficjal Prosekutur kien mistieden jaqra din l-istqarrija lix-xhud u jara jekk l-istess xhud jikkonfermax din l-istqarrija. Apparti konsiderazzjonijiet ta' indoli legali, bhala fatt din l-istqarrija ma jirrizultax li giet moqrija lix-xhud u wisq anqas li kkonferma l-kontenut tal-istess. In effetti a folio 164 insibu d-deposizzjoni tal-Ispettur Antoine Cilia anke ghaliex kien prezenti, fil-vesti tieghu ta' PC1229 dak iz-zmien, waqt it-tehid tal-istqarrija ta' Andreas Veneziani fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Meta l-Ispettur Cilia kien ser jibda jispjega x'intqal f'dan l-interrogatorju fil-pront, u gustament, gie mwaqqaf mill-Qorti, fuq il-premessa li *''se mai jixhed hu.''*

Effettivament in-nuqqas ta' valur probatorju ta' din l-istqarrija esebita a folio 156 et seq ta' dan il-process temergi mhux tant mill-fatt li qatt ma giet ikkonfermata bil-gurament izda, fuq kollox, minn dak li jiddisponi l-Artikolu 646 tal-Kap.9.

L-istqarrija esebita a folio 154 et seq. ma ghandha ebda valur probatorju.

**Avukat mhux prezenti waqt stqarrija**

Fil-kaz fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**, nhar id-9 ta' Mejju 2017, il-Qorti Kriminali ddecidiet hekk wara li kienet attakkata l-inammissibilta` tal-istqarrija rilaxxjata minnu nhar id-19 ta' Ottubru 2014 stante li ma kellux avukat prezenti mieghu meta huwa rrilaxxja din l-istqarrija:

*"Illi l-artikolu li hu rilevanti ghall-ezercizzju in ezami hu l-artikolu 355AUA li jaghti id-dritt ta' access ghal avukat fi proceduri kriminali. Illi t-tezi tar-rikorrenti hi semplici u lineari. Meta giet rilaxxata l-istqarrija dik il-persuna ma kellhiex id-dritt tal-prezenza ta' l-avukat. Il-konkluzjoni allura hi li tali stqarrija ghandha tkun inammissibli.*

*Illi t-tezi tal-Avukat Generali hi daqstant lineari. Ir-rikorrenti gie moghti d-dritt li jikkonsulta avukat ta' fiducja tieghu. Hu rrifjuta tali dritt, ma kkonsulta lil hadd u liberament u volontarjament irrilaxxa l-istqarrija hawn fuq imsemmija.*

*Illi din il-Qorti tosserva li s-sentenza* ***Borg v. Malta*** *(hawn fuq citata) ma kinitx biss jitkellem fuq id-dritt li wiehed ikollu l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel tigi rilaxxat stqarrija. Dik is-sentenza tghid illi f'kull stadju ta' l-investigazzjoni l-persuna susspettata jew akkuzata jrid ikollha d-dritt ta' l-avukat. Kien ghalhekk li gie promulgat l-Att numru LI ta' l-2016.*

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-istess principji li gew applikati fis-sentenzi hawn fuq imsemmija ghandhom japplikaw f'dan il-kaz ukoll. Dan ifisser li anki jekk ir-rikorrenti rrifjuta d-dritt li jikkonsulta avukat ma jfissirx li hu kien ser jirrifjuta l-prezenza ta' avukat fl-istess kamra ta' l-interrogatorju, tenut kont tal-fatt li l-artikolu fuq citat isemmi li l-avukat prezenti ghall-interrogatorju "...jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni...". Kif wiehed jista' japprezza din hi sitwazzjoni kompletament differenti. Logikament, ma tistax tippenalizza persuna li ghamel ghazla fuq parametri kompletament differenti minn dawk li huma in vigore llum.*

*Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tar- rikorrenti. Tiddikjara l-istqarrija tad-19 ta' Ottubru, 2014 rilaxxata mir-rikorrenti bhala nammissibbli. Tali stqarrija ma tistax tigi prodotta waqt il-guri jew kopja taghha moghtija lill-gurati."*

L-istess ikkonkludiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fis-sentenza taghha fl-ismijiet Il-**Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella**, tas-27 ta'Gunju 2017, wara referenza kostituzzjonali li saret mill-Ewwel Qorti dwar dan il-punt. Dik il-Qorti ghamlet rassenja vasta u estensiva ta' gurisprudenza kemm lokali[31], kif ukoll tal-Qorti

[31] **Dominic Camilleri vs Avukat Generali**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Frar 2017 li fiha gew rapportati numru ta' sentenzi: Il-**Pulizija (Spt Victor Aquilina) vs Mark Lombardi** (referenza kostituzzjonali Nru 34/2009 li kienet saret fl-ambitu tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt Victor Aquilina) vs Mark Lombardi"); Il-**Pulizija (Supt. Norbert Ciappara) v. Esron Pullicino** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta` Frar 2010 u mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta` April 2011; Ir-**Repubblika ta` Malta vs Carmel Vella** deciza mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali fl-10 ta` Novembru 2011; Il-**Pulizija (Spt Norbert Ciappara) v. Renald Baldacchino** moghtija fit-30 ta` Gunju 2014 wara referenza li kienet saret mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali u l-appell deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta` Frar 2015; **Malcolm Said vs Avukat Generali et** moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fl-14 ta` Jannar 2016 u mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta` Gunju 2016; **Gordi Felice vs**

Ewropea[32], dwar id-dritt ta' persuna arrestata ghall-assistenza legali, u rreferiet ukoll ghas-segwenti:

"F`artikolu ppubblikat f`The New Journal of European Criminal Law, Vol. 7, Issue 4, 2016 intestat **The Rights of the Defence according to the ECtHR – An Illustration in the Light of A.T. v Luxembourg and the Right to Legal Assistance**, Vânia Costa Ramos tghid hekk :-

In respect of the contents of the right to legal assistance, after **Salduz** some states had alleged that while the right attached from the moment when the person was held in pre-trial or police custody and was subject to police interrogation, it did not imply that the lawyer had to be present during questioning.

The ECtHR stated otherwise in **Karabil v. Turkey** (Second Section judgment of 16.06.2009, application no. 5256/02),

---

**Avukat Generali** deciza fil-31 ta` Ottubru 2016; u **Trevor Bonnici vs Avukat Generali** moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fl-10 ta` Novembru 2016; Il-**Pulizija vs Joseph Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016; **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Mejju 2016; Il-**Pulizija (Spettur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Ottubru 2016; Il-**Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Clayton Azzopardi**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Frar 2017; Ir-**Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**, deciza mill-Qorti Kriminali nhar id-9 ta' Mejju 2017.

[32] **Mario Borg vs Malta** tat-12 ta` Jannar 2016; sintesi ta' decizjonijiet tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mehuda mill-Factsheet tal-istess Qorti ta' Settembru 2016 taht it-titolu: Police arrest and assistance of a lawyer: **Pishchalnikov v. Russia** tal-24 ta' Settembru 2009; **Yesįlkaya v. Turkey** tat-8 ta' Dicembru 2009; **Boz v. Turkey** tad-9 ta' Frar 2010; **Brusco v. France** tal-14 ta' Ottubru 2010; **Nechiporuk and Yonkalo v. Ukraine** tal- 21 ta' April 2011; **Mader v. Croatia** tal-21 ta' Gunju 2011; **Bandaletov v. Ukraine** tal-31 ta' Ottubru 2013; **Pakshayev v. Russia** tat-13 ta' Marzu 2014; **Blaj v. Romania** tat-8 ta' April 2014; **Cąrkcı (no. 2) v. Turkey** tal-14 ta' Ottubru 2014; **A.T. v. Luxembourg** tad-9 ta' April 2015; **Turbylev v. Russia** tas-6 ta' Ottubru 2015; **Ibrahim and Others v. the United Kingdom** tat-13 ta' Settembru 2016 (Grand Chamber); **Simeonovi v. Bulgaria** tal-20 ta' Ottubru 2015; **Dayanan v. Turkey** tat-13 ta` Ottubru 2009 u **Dvorski v. Croatia** tal-20 ta` Ottubru 2015 (Grand Chamber).

establishing that the suspect benefited from legal assistance during his questioning, which was underlined in **Navone and others v. Monaco** (First Section judgment of 24.10.2013, applications no. 62880/11, 62892/11 62899/11):

79. La Cour souligne à ce titre qu`elle a plusieurs fois précisé que l`assistance d`un avocat durant la garde à vue doit notamment s`entendre, au sens de l`Article 6 de la Convention, comme l`assistance "pendant les interrogatoires" (Karabil c. Turquie, no 5256/02, §44, 16 juin 2009, Ümit Aydin c. Turquie, no 33735/02, §47, 5 janvier 2010, et Boz, précité, §34), et ce dès le premier interrogatoire (Salduz, précité, §55, et Brusco, précité, §54).

80. Par ailleurs, elle a déjà jugé qu`une application systématique de dispositions légales pertinentes qui excluent la possibilité d`être assisté par un avocat pendant les interrogatoires suffit, en soi, à conclure à un manquement aux exigences de l`Article 6 de la Convention (voir, en premier lieu, Salduz, précité, §§56 et 61–62).

In **Dayanan v. Turkey** (Chamber judgment of 13.01.2009, application no. 7377/03) the Court went further in clarifying that the right attached from the moment the person was taken into custody and that the lawyer`s role in the pre-trial stage included not only assistance during the interrogation, but even extended to further areas:

> 32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see **Salduz**, cited above, §§37–44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person`s defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention."

Fil-kaz li kellha quddiemha l-Onorabbli Qorti, il-persuna arrestata ossia Aldo Pistella kien inghata d-dritt li jkellem lill-avukat tal-ghazla tieghu qabel irrilaxxja stqarrija lill-Ufficcjal Investigatur, izda ma kienx assistit minn avukat waqt it-tehid tal-istess stqarrija, stante li fiz-zmien in kwistjoni l-ligi Maltija ma kinitx taghti dan id-dritt lill-persuna suspettata jew arrestata. Dwar din il-kwistjoni, il-Qorti qalet hekk:

> "Ghal din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-uzu ta` l-istqarrija mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni.

Din il-Qorti tqis li ghall-kaz odjern ghandha tapplika l-gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta` l-applikant jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.

Dan qed jinghad meta tqis wkoll illi fl-Art 3 tad-Direttiva tal-UE Nru. 2013/48/EU li b`effett tal-Avviz Legali 102 tal-2017 saret parti mil-ligi taghna, jinghad hekk dwar id-dritt ta` access ghal avukat fi proceduri kriminali:-

1. Member States shall ensure that suspects and accused persons have the right of access to a lawyer in such time and in such a manner so as to allow the persons concerned to exercise their rights of defence practically and effectively.

2. Suspects or accused persons shall have access to a lawyer without undue delay. In any event, suspects or accused persons shall have access to a lawyer from whichever of the following points in time is the earliest:
(a) before they are questioned by the police or by another law enforcement or judicial authority;
(b) upon the carrying out by investigating or other competent authorities of an investigative or other evidence-gathering act in accordance with point (c) of paragraph 3;

(c) without undue delay after deprivation of liberty;
(d) where they have been summoned to appear before a court having jurisdiction in criminal matters, in due time before they appear before that court.

3. The right of access to a lawyer shall entail the following:
(a) Member States shall ensure that suspects or accused persons have the right to meet in private and communicate with the lawyer representing them, including prior to questioning by the police or by another law enforcement or judicial authority;
(b) Member States shall ensure that suspects or accused persons have the right for their lawyer to be present and participate effectively when questioned. Such participation shall be in accordance with procedures under national law, provided that such procedures do not prejudice the effective exercise and essence of the right concerned. Where a lawyer participates during questioning, the fact that such participation has taken place shall be noted using the recording procedure in accordance with the law of the Member State concerned;
(c) Member States shall ensure that suspects or accused persons shall have, as a minimum, the right for their lawyer to attend the following investigative or evidence-gathering acts where those acts are provided for under national law and if the suspect or accused person is required or permitted to attend the act concerned:
(i) identity parades;
(ii) confrontations;

(iii) reconstructions of the scene of a crime.

4. Member States shall endeavour to make general information available to facilitate the obtaining of a lawyer by suspects or accused persons. Notwithstanding provisions of national law concerning the mandatory presence of a lawyer, Member States shall make the necessary arrangements to ensure that suspects or accused persons who are deprived of liberty are in a position to exercise effectively their right of access to a lawyer, unless they have waived that right in accordance with Article 9.

5. In exceptional circumstances and only at the pre-trial stage, Member States may temporarily derogate from the application of point (c) of paragraph 2 where the geographical remoteness of a suspect or accused person makes it impossible to ensure the right of access to a lawyer without undue delay after deprivation of liberty.

6. In exceptional circumstances and only at the pre-trial stage, Member States may temporarily derogate from the application of the rights provided for in paragraph 3 to the extent justified in the light of the particular circumstances of the case, on the basis of one of the following compelling reasons: (a) where there is an urgent need to avert serious adverse consequences for the life, liberty or physical integrity of a person; (b) where immediate action by the investigating authorities is imperative to prevent substantial jeopardy to criminal proceedings.

L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija sostnew li l-fatt li d-dritt li nghata lill-persuni li jkunu se jirrilaxxjaw stqarrija lill-pulizija ezekuttiva bl-Avviz Legali 102 tal-2017 li dahal fis-sehh fit-13 ta` April 2017 ma jfissirx li awtomatikament inkiser id-dritt fundamentali ta` kwalunkwe persuna li tkun irrilaxxjat stqarrija qabel it-13 ta` April 2017.

Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt l-istess interrogazzjoni talbet li terga` tkellem lill-avukat u tali talba giet michuda, iwassal ghal sitwazzjoni fejn id-dritt ta` dik il-persuna, fil-kaz tal-lum Aldo Pistella, kien irrimedjabbilment ippregudikat stante illi huwa rrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.

Ghalkemm il-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali eventwalment taghti decizjoni fil-mertu wara li jkun inghalaq il-gbir tal-provi, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kollha premessi, m`ghandux ikun illi l-kawza kriminali titkompla bl-istqarrija ta` Aldo Pistella lill-Ispettur Malcolm Bondin tkun taghmel prova ladarba rrizulta li waqt it-tehid tal-istqarrija ma kienx prezenti l-avukat ta` Aldo Pistella.

Del resto l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija t-tnejn sostnew illi l-kaz tal-pulizija kontra Aldo Pistella mhuwiex fondat biss fuq l-istqarrija tal- akkuzat izda fuq provi ohra wkoll.

Ghalkemm jibqa` l-principju li proċediment gudizzjarju ghandu jitqies fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, tibqa` l-kunsiderazzjoni li m`ghandu jsir ebda uzu mill-istqarrija ta` Aldo Pistella fil-process kriminali sabiex meta jintemm il-process kriminali, ma jkunx mittiefes b`irregolaritajiet."

F'dak il-kaz, ghalhekk, il-Qorti ddecidiet illi l-fatt li l-akkuzat Aldo Pistella ma kienx assistit minn avukat tal-ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija lill-Pulizija Ezekuttiva fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, kif ukoll il-fatt li ma kellux id-dritt li jitlob li jkun assistit minn avukat tal-ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija jkun jikkostitwixxi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq tal-istess Aldo Pistella kif tutelat mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal- Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali tieghu fil-kaz illi l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija Ezekuttiva tkun prova fil-kawza kontra tieghu.

Din ukoll kienet il-konkluzjoni raggunta mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fis-sentenza taghha tat-23 ta' Novembru 2017, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**, fejn f'dak il-kaz, wahda mil-lanjanzi li tqajmet kienet proprju illi huwa ma nghatax id-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju tieghu mill-pulizija. Dik il-Qorti rreferiet ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea **Panovits v. Cyprus** tal-11 ta' Dicembru 2008, fejn inghad hekk:

*"...the Court observes that the concept of fairness enshrined in Article 6 requires that the accused be given the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. The lack of legal assistance during an applicant's interrogation would constitute a restriction of his defence rights in the absence of compelling reasons that do not prejudice the overall fairness of the proceedings."*

Irreferit ukoll l-istess Qorti ghal sentenza ohra tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Dayanan v. Turkey** tat-13 ta' Ottubru 2009, li wkoll saret referenza ghaliha mill-istess Qorti diversament preseduta, fis-sentenza fuq citata, fejn inghad hekk:

*"In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its caselaw, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention."*

Il-Qorti kompliet hekk:

"Il-fatt illi l-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg evolviet sussegwentement ghas-sentenza ta' Salduz b'mod illi l-interpretazzjoni tad-dritt ghal smiegh mill-Qorti bdiet tikkonsidra li huwa necessarju li l-arrestat jithalla jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interogattorju hija kkonfermata bl-aktar mod car fis-sentenza fl- ismijiet **Brusco v. France** deciza fl-14 ta' Ottubru 2010, fejn il-Qorti ta' Strasbourg ibbazat il-konkluzjoni taghha mhux biss fuq il-fatt illi Brusco ma thalliex ikellem avukat qabel ma gie interrogat izda anke ghaliex ma kellux access ghal avukat waqt l-ewwel interogazzjoni tieghu u l-interogazzjonijiet l-ohra kollha ta' wara dik, u dan a kuntrarju ta' dak li jezigi l-Artikolu 6:

*"L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention."*

Konferma terga aktar cara ta' dan, tinsab fis-sentenza fl-ismijiet **Navone and others v. Monaco** deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-24 ta' Ottubru 2013, fejn il-Qorti ikkonkludiet illi l-ligi ta' Monaco, li kienet tippermetti biss konsultazzjoni ma' avukat qabel l-interrogatorju, u ma kinitx tippermetti illi l-avukat ikun prezenti waqt l-interogazzjoni, kienet leziva tad-dritt ta' smigh xieraq:

*"Or, en l'espèce, nul ne conteste qu'à l'époque des faits, le droit monégasque ne permettait pas aux personnes gardées à vue de bénéficier d'une assistance d'un avocat pendant les interrogatoires: une telle assistance était donc automatiquement exclue en raison des dispositions légales pertinentes. La Cour relève en effet que le droit interne ne prévoyait qu'une consultation avec un avocat au début de la garde à vue ou de la prolongation de celle-ci, pendant une heure maximum, l'avocat étant en tout état de cause exclu des interrogatoires dans tous les cas.*

*(...)*

*Par conséquent, la Cour ne peut que constater que les requérants ont été automatiquement privés de l'assistance d'un conseil au sens de l'article 6 lors de leur garde à vue, la loi en vigueur à l'époque pertinente faisant obstacle à leur présence durant les interrogatories."*

Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diga bdew jesprimu d-dubji taghhom rigward jekk, il-ligi, kif kienet dak iz-zmien, kinetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smigh xieraq konsiderat illi ma kinetx tippermetti illi suspettat ikollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-**Pulizija (Spettur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis** fejn intqal illi:

"...jista' jkun hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw id-dritt ghall-assistenza

legali moghti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti llum taht il-ligi taghna, huwa ristrett ghal siegha qabel l- interrogatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor."

Huwa car ghalhekk illi skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif zviluppat u evolviet sussegwentement ghas-sentenza ta' Salduz, il-garanzija u protezzjoni ta' smigh xieraq tirikjedi illi l-arrestat jinghata l-possibilita' li jkollu mieghu avukat tal-fiducja tieghu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Ghalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat ghaliex kien inghata l-possibilita' li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa insostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita' li jkollu avukat prezenti waqt l-interrogazzjoni.

M'huwiex kontestat, illi fiz-zmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiducja tieghu prezenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma thalliex ikollu avukat prezenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma nghatax access ghall-avukat tieghu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni.

> Dan il-fatt wahdu, skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa bizzejjed biex tinstab lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq."

Din il-Qorti tinnota illi ghalkemm is-sentenzi appena citati m'humiex finali u definittivi ghaliex ilkoll ghadhom fi stadju ta' appell, biss dawn jirrispekkjaw bosta decizjonijiet tal-Qorti Ewropea u l-linja li adottat din l-ahhar Qorti. **<u>Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghandha timxi fuq dawn il-linji gwida fid-decizjoni taghha dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati fil-kaz odjern u konsegwentement, ser tiskarta tali stqarrijiet bhala prova inammissibbli u kwalunkwe referenza li ssir ghalihom mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.</u>**

**<u>In-Ness bejn l-Attivita u l-imputati.</u>**

Il-Qorti ser tindirizza l-ewwel il-pozizzjoni tal-imputat Alfred Grech li gie mharrek kemm f'ismu propju kif ukoll in rapprezentanza tas-socjeta Bingo Ltd.

Mill-provi jirrizulta li Alred Grech kien issuloka lis-socjeta Rapier Ltd. spazju mikri lilu li jinsab sitwat fil-Livell -3 gewwa l-kumpless Embassy, liema spazju kien jikkonsisti f'120 metru kwadru. L-iskrittura ta' sullokazzjoni tinsab esebita, a folio 39 u immarkata bhala Dok RA 8.

Jirrizulta mid-deposizzjoni ta' Doreen Xuereb a folio 145 li kien hemm, fil-livell ta' taht tal-Embassy, Bingo Bar li kien licenzjat[33] fejn in-nies kienu jmorru jilghabu l-Bingo. Din ix-xhud tispjega li hija kienet impjegata ma Alfred Grech u li izda ma kellha x'taqsam xejn mal-kamra separata li tinsab biswit dan il-Bingo Bar fejn instabu l-magni.

Issa l-fatt biss li l-imputat Alfred Grech issulloka parti minn dan il-font ma jissarrafx f'xi responsabilita penali ghar-reati addebitati sempliciment ghaliex huwa sid il-kera.[34]

Mill-atti ma hemm ebda provi li jorbtu lill-imputat Alfred Grech mal-attivita li kienet qed tigi gestita fl-ispazju minnu sullokat u konsegwentement l-imsemmi imputat ma jistghax legalment u ragonevolament jinstab hati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet lilu addebitati.

Il-Qorti issa se tanalizza dak li jikkoncerna liz-zewg imputati l-ohra Pierre Vella u Raymond Magri u tgharbel dak li huwa ammissibbli bhala prova u dak li mhuwiex. Fis-sena 2004 huma ma kellhomx id-dritt ta' assistenza legali. Mill-atti jirrizulta li meta mitkellma fuq il-post fejn saret it-tfittxija lanqas ma gew moghtija xi 'caution'. Minflok jidher li nghataw ordnijiet sabiex jifthu l-kaxxi u johorgu l-flus. Dan il-mod ma kien xejn felici ta' kif kienu jsiru l-investigazzjonjiet fil-passat

[33] folio 34 u 35

[34] bl-istess argument allura kellu jitharrek ukoll Mario Gauci li a folio 46 jistqarr li huwa kien kera dan il-fond lill-imputati. Ghaliex jekk skond il-prosekuzzjoni l-imputat Alfred Grech kellu jirrispondi ghax ta' parti mill-fond lilu mikri lill-haddiehor allura daqstant iehor, bl-istess logika zbaljata, ghandhu jirrispondi Gauci li kera l-post lil Grech.

fortunatament huma ormai parti mill-istorja legislattiva ta' pajjizna u li finalment il-Legislatur u l-Qrati taghna rrikonoxxew li dawn il-metodi huma lezivi tad-dritt ghas-smiegh xieraq u rrimedjaw.

Mill-kumplament tal-provi ammissibbli hadd ma jsemmi lil Pierre Vella jew lil Raymond Magri. Ix-xhieda Vincent Francica[35] u Mary Grace Slaten[36] jispjegaw biss li meta gew il-Pulizija huma kienu f'dan l-istabbiliment u imkien ma jghidu li Vella u Magri kienu prezenti jew kellhom xi involviment f'dak li kienu qed jaghmlu dakinhar.

Hekk ukoll ma jirrizulta ebda prova ta' xi ness bejn l-attivita li minnha l-prosekuzzjoni qed tilmenta u l-Pierre Vella u Raymond Magri mid-deposizzjonijiet ta' Francesca Fenech[37], Doreen Xuereb[38] u Andreas Veneziani[39].

**Opinjoni ta' espert kontra perswazjoni tal-Qorti**

Il-Qorti se tirreferi ghal numru ta' decizjonijiet fejn il-Qrati taghna trattaw l-artikolu 656 tal-Kap 9. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v. Akram Amar Swayah**[40] deciza fit-8 ta' Mejju, 2006 intqal:

> *Huwa minnu illi l-espert nominat mill-Qorti ddikjara illi l-ferita in kwistjoni kienet ta' natura hafifa, ghaliex fil- fehma tieghu, peress li l-*

[35] a folio 67
[36] folio 111
[37] folio 95
[38] folio 145
[39] folio 150
[40] Appell Kriminali Numru. 124/2005

*imputat [**recte:** il-vittma] huwa ragel ta' hamsa u erbghin sena u ghandu l-gangala, ma dehrlux li kellu jikklassifikaha bhala ferita ta' natura gravi.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 656 tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta u cioe` min ghandu jiddeciedi, mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l- perswazjoni tieghu. F'dan il-kaz il-Qorti rat di viso l-vittma u kkonstatat li l-ferita in kwistjoni hija wahda visibbli minn distanza normali u skond l-istess Doctor Dino Vella Briffa, tinhass ukoll."*

*Minn dan jidher li l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda spropozitu legali jew logiku. Hija kellha kull dritt tinnomina perit u kull dritt taccetta jew ma taccettax kwalunkwe opinjoni li avvanza l-imsemmi perit. Difatti, nonostante li l- perit gie nominat mill-Qorti specifikatament sabiex jezamina lil P.S. 951 Joseph Tonna (artikolu 650 tal-Kap. 9), l-artikolu 656 jghid testwalment:*

***"Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall- fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."***

*Ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet anke toqghod ghall-fehma ta' Dr. Dino Vella Briffa li l-offiza li garrab P.S. 951 Joseph Tonna "tinhass", u ma toqghodx ghall-fehma tieghu illi tali offiza ma tikkostitwix sfregju galadarba hija stess ikkonstatat illi l-offiza in kwistjoni "hija wahda visibbli minn distanza normali". Skond gurisprudenza ormai pacifika difatti, il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli*

*minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma'xulxin" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il- Pulizija v. Paul Spagnol****, 12 ta' Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279).*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) v. George Xuereb**[41] ppreseduta mill-Agent President Imhallef Joseph A. Filletti u l-Imhallfin Albert J. Magri u Geoffrey Valenzia fid-decizjoni tal-25 ta' Frar, 2011 intqal:

*"... anke tenut kont tal-inkarigu tieghu, jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza kostanti f'dawn l-ahhar snin, il-Qorti thoss fi kwalunkwe kaz it-talba ma tistax tigi milqugha peress li kif inghad fis-sentenzi hawn citati tal- Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* ***"Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali"*** *(Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) u* ***"Melchior Spiteri vs Avukat Generali"*** *(Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) il-Qorti thoss illi l-analizi taghha, jekk tieqaf hawn, tkun inkompleta u ghalhekk skorretta. Skont dawn l-istess principji enuncjati f'dawn is-sentenzi johrog car illi din il-Qorti ghandha tqis l-assjem tal-provi kollha, u hija l-istess Qorti li ghandha tezercita l-irwol taghha ta' supervizjoni u ghandha taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemha. Ghalhekk ghandha l-liberta` tiskarta l-opinjoni tal-esperti anke jekk mahtura minnha (****artikolu 656 tal-Kap. 9****) u l-partijiet ghandhom id-dritt iressqu l-provi taghhom."*

[41] Appell Civili Numru. 24/2008/1

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-atti ta' l-allegazzjoni ta' genn fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Schembri**[42] deciz fl-4 ta' Marzu, 2010 mill-Agent President Imhallef David Scicluna u l-Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph R. Micallef intqal:

*Jidher li l-gurati skartaw l-opinjoni ta' l-esperti psikjatri (kif del resto kellhom dritt li jaghmlu a tenur ta' l-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali) u kkonkludew li l-appellant kellu kemm il-kapacita` li jifhem li dak li qieghed jaghmel huwa hazin kif ukoll il-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Din il-Qorti jidhrilha li l-gurati, ben diretti mill- Imhallef li ppresjeda l-guri, huma fl-ahjar posizzjoni li jiddeciedu, skond il-buon sens, dwar il-kwistjoni li kellhom quddiemhom. Bhalma jghidu Timothy Jones u Michael Christie, b'referenza ghal-ligi sostantiva u procedurali Skocciza in materja ta' eccezzjoni ta' demenza fil-kamp penali, u li hi simili hafna ghal dik taghna:*

***"The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord Strachan's terms, 'it is to be judged on the ordinary rules on which men act in daily life.' The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The significance of medical evidence is severely limited by the fact that insanity is a legal rather than a medical concept. Further,***

[42] Appell Kriminali Numru 3333/2010

***a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed."***

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat**[43] deciz mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef deciz fit-8 ta' Gunju 2006 iddikjaraw**:**

*Irid jigi notat ukoll illi skond l-artikolu 656 tal-Kap. 9: **"Min ghandu jiddeciedi mhux marbut li joqghod ghall- fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."** L-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet illi f'dan il-kaz din ir-regola kienet tassumi importanza partikolari peress illi certi linji difensjonali kienu jiddependu minn jekk il-gurati jaccettawx jew le, b'mod partikolari, il-konkluzjonijiet ta' Dr. Spiteri. Jigifieri l-Qorti kienet qed taghmel il-posizzjoni fil-ligi cara lill-gurati, filwaqt li spjegatilhom li **"kontra l- perswazjoni"** taghhom ma kienx ifisser **"kontra l-kapricc ta' mohhkom"** izda ghal raguni valida legalment.*

[43] Appell Kriminali Numru 9/1996

U finalment il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Borg**[44] tat-13 ta' Lulju, 2006 deciza mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, Gino Camilleri u David Scicluna fejn kien dikjarat li:

*Wara kollox, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment li:*

***"Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali** [fit-test ingliz: **special knowledge or skill], ghandha tigi ordnata perizja."***

*Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mbaghad, mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal- ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw f'* ***Blackstone's Criminal Practice 2001***[45] *, "whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both". Fis-sentenza tas-South Australia Supreme Court fl-ismijiet R. v. Bonython (1984) 38 S.A.S.R. 45, citat f'* ***Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003***[46]*, King C.J. qal:*

***"Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the voir dire of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be***

---

[44] Appell Kriminali Numru 22/1997

[45] Para. F10.3 pagna 2120.

[46] Para. 10-65 pagna 1234.

***greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies.... Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion....***
***If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the voir dire in order to make a finding as to those qualifications...."***

*Fil-ligi taghna l-esperti ma jigux maghzula mill-partijiet (ghalkemm jistghu jintalbu mill-partijiet) izda jigu nominati mill-Qorti, li hi 'l fuq mill-partijiet. Jekk espert hekk nominat ghandux verament il-kwalifiki li jipprofessa li ghandu, jekk ghandux verament 'hila jew sengha specjali' (Art. 650(1)) hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt, f'dan il- kaz ghall-gurati. Hu proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li l- gudikant tal-fatt* ***"mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu"*** *(Art. 656). Konsegwentement il-kwistjoni ta' jekk il-Professur Hector Galea kienx l-ahjar espert li seta' jingieb f'dan il-kaz kienet kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gurati, u dwar dan, kif ser naraw, il-gurati gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.*

*F'dan il-kaz, il-Professur Galea gie mistoqsi mid-difiza jekk hux forensic odontologist u hu wiegeb li hu dentist u li jahdem fil-forensika. Din il-Qorti hi a konoxxenza tal-fatt illi l-imsemmi Professur Galea m'ghandux kwalifiki formali fl- odontologija izda taf ukoll illi ghandu snin konsiderevoli ta' esperjenza f'dan il-qasam. Issir*

*referenza f'dan ir-rigward ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament komposta fl-ismijiet* ***Ir-Repubbblika ta' Malta v. Mario Pollacco*** *moghtija fl-1 ta' Dicembru 2005, u, bhalma ntqal f'dik is-sentenza, hawn ukoll tghid li ma tara l-ebda raguni sabiex tghid li l-Professur Hector Galea ma kellux il- kwalifiki mehtiega biex jikkonduci x-xoghol kollu mehtieg skond l-inkarigu li kien gie moghti mill-Magistrat Inkwerenti u li, fl-ahhar mill-ahhar, il-gurati kienu dejjem liberi li jaslu ghal konkluzjoni differenti u ma jaccettawx l-opinjoni tieghu.*

**Ir-relazzjonijiet tal-espert**

Il-Qorti tirrimarka illi l-opinjoni ta' espert wiehed jista' jirrispettaha izda ma jfissirx illi dak li jghid l-espert huwa dogma tal-fidi u ghalhekk l-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi min ghandu jiggudika mill-fatti mhux marbut mal-konkluzzjoni tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu.

Il-Qorti kellha c-cans tara dak li kellha xi tghid id-difiza dwar l-inkarigu li kellu l-espert Dr. Martin Bajada.

Id-difiza fl-argumenti taghha fost l-ohra elenkat dan li gej:

*Jigi rilevat ukoll li dwar il-prova jekk il-magni humiex magni tal-loghob ta' sogru jew le, il-prosekuzzjoni qed tibbaza fuq ir-rapport ta' Martin Bajjada esebit a folio 214 et seq.*

*Issa qari ta' dan ir-rapport juri li l-espert koncernat wasal ghal din il-konkluzzjoni a bazi ta' dak li kien jipprovdi ir-Regolament 2 ta' A.L. 43/1988 u kif dan ir-regolament gie interpretat fil-proceduri Il-* ***Pulizija vs Maria Louisa Carbonaro*** *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Novembru 2004.*

*… il-legislazzjoni giet mibdula bl-A.L. 74/2011 fejn insibu li d-definizzjoni illum giet mibdula radikalment. Hekk ukoll gara in kwantu jirrigwarda l-abrogazzjoni tar-Regolament 5 tal-istess A.L. 43/1988. Dan ir-Regolament kien jipprovdi li l-oghla valur ta' munita jew token li tista tintefa f'magna ta' divertiment ghandhu jkun ta' 10 centezmi. Dan kien fattur determinanti ghall-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tinstab htija fil-kaz imsemmi u li fuqu l-espert ibbaza l-konkluzzjonijiet tieghu.*

Il-Qorti rat dak deciz fil-kawza l-Pulizija vs Maria Louisa Carbonaro Appell Kriminali deciz mill-Imhallef David Scicluna:

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-makna in kwistjoni ma tistax tikklassifikaha bhala "amusement machine" in virtu` ta' dak li l-ligi stess tiddisponi. Ir-regolament numru 2 tar-Regolamenti dwar ir-Restrizzjoni ta' l-Uzu ta' Makni tad-Divertiment (Avviz Legali 43/1988) jiddefinixxi "makna tad-divertiment" bhala:

"kull tip ta' makna tad-divertiment li tithaddem permezz tat-tfigh fil-makna ta' munita jew muniti, jew ta' xi *token*, u li minnha l-gugatur rebbieh la jircievi u lanqas jigi offert xi

beneficcju iehor hlief l-opportunita` moghtija mill-azzjoni awtomatika tal-makna li jerga' jilghab il-loghba minghajr ma jitfa' xi munita jew *token* ohrajn, u, hlief ghall-finijiet tar-regolament 4, ghandha tinkludi makni maghrufin bhala "*kiddie ride machines*", *juke-boxes* u mwejjed pubblici tat-*table soccer*."

L-istess regolament imbaghad jiddefinixxi "*token*" bhala:

"dak l-oggett li jkun jixbah munita li jinxtara sabiex jintefa' f'makni tad-divertiment minflok muniti, biex tahdem l-istess makna".

Ta' importanza ghall-kaz odjern imbaghad huwa r-regolament numru 5 li jipprovdi:

"L-oghla valur tal-munita jew *token* li tista' tintefa' f'makna tad-divertiment ghandu jkun ta' 10 centezmi, u l-oghla prezz biex tintlaghab xi loghba wahda fuq makna tad-divertiment ghandu jkun ta' 10 centezmi".

Il-makna in kwistjoni, kif stabilixxa l-perit tekniku, tiehu muniti izda tiehu wkoll karti tal-flus sa Lm20. Ghalhekk ma taqax fid-definizzjoni ta' "makna ta' divertiment" preskritt mil-ligi. Dwar jekk tistax titqies bhala "makna ghal loghob ta' sogru", din il-Qorti tirreferi ghad-definizzjoni ta' *slot machine* jew *gambling device* li nsibu fi **Black's Law Dictionary, Fifth Edition, West Publishing Co., 1979** bhala "*an apparatus by which a person*

*depositing money therein may, by chance, get directly or indirectly money or articles of value, worth either more or less than the money deposited*". Il-makna in kwistjoni taghti biss krediti ta' loghob, izda b'daqshekk ma jfissirx li dawn il-krediti ma jistghux jissarfu fi flus bhalma ssuggerixxa li jista' jsir il-perit tekniku u b'hekk min jilghab u jirbah ikun qieghed jottjeni r-rebh tieghu ta' flus indirettament.

**Il-Qorti wara li rat ir-rapport tal-espert esebit f'dan il-process analizzat flimkien mad-decizjoni fuq deciza, mhix se taqbel mal-konkluzzjoni li wasal ghalija l-espert u dan wara li rat x'jipprovdi l-Artikolu 656:**

*"Min għandu jiddecidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tiegħu."*

**KONKLUZZJONI**

Il-Qorti wara dan il-process ghaddietu mill-gharbiel ta' dak illi huwa ammissibbli u dak li ma huwiex ammissibbli u allura ma ghandu ebda valur probatorju, ma hemm ebda prova ta' ness bejn l-imputati u l-attivita li kienet qieghda ssehh u fuq liema attivita jistriehu l-akkuzi addebitati mill-prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tilliberhom.

---

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**